MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 604/1997/1

**Tabib Principali tal-Gvern**

**Vs**

**Angela Insuado**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas is-somma ta’ tlett mija tmienja u sebghin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm378.91,0) liema somma hija dovuta wara li l-konvenuta rrizenjat minn kors ta’ tahrig ta’ Assistenti tas-Sahha u dan bi ksur ta’ kuntratt pubbliku mill-konvenuta adiz.

Bl-ispejjez, inkuzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Frar, 1996 kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 6 tal-atti) u li biha eccpiet bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok l-azzjoni attrici hija preskritta in virtu' tal-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili;
2. Bla pregudizzju ghall-premess it-talba attrici hija insostenibbli fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni a basi tal-artikolu 2156 hawn fuq citat ghandu jigi rilevat illi din l-eccezzjoni tista biss, tinkwadra ruhha, fis-subinciz (f) li jirreferi ghal azzjonijiet in konnessjoni mal-pagament ta' kwalunkwe debitu iehor ta' natura kummercjali jew minn hwejjeg ohra meta dan il-kreditu ma jkunx jaqa' taht preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx jirrisulta minn att publiku.

Illi, kif jidher mill-atti in ezami, l-allegat kreditu favur l-attur hu naxxenti minn att publiku publikat minn Nutar Charles Vella Zarb fil-25 ta' Ottubru 1985 (fol 22 et seq ibid) u b'hekk jidher car u evidenti li l-artikolu in esami bl-ebda mod ma jista' jigi applikat ghal dan il-kaz. Konsegwentement ma hemmx il-htiiega li din il-Qorti tara jekk l-istess perijodu ta' preskrizzjoni seta gie interrott skond kif trid il-ligi jew li hemm xi kawza li timpedixxi l-preskrizzjoni jew jekk it-trapass tal-perjodu ta' preskrizzjoni kienx sospiz o meno.

Illi, ghalhekk,l-eccezzjoni kif proposta ghanda tigi michuda u respinta.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda ta' Emanuel Caruana (fol 33 et seq ibid) u mid-dokumenti esebiti in atti a fol 16, 22, 30 u 35 tal-atti, jidher li l-konvenuta kienet giet maghzula sabiex taghmel kors ta' tahrig ghal Assistenti tas-Sahha, liema kors kien ghal perjodu ta' sentejn minn Novembru 1985. Skond il-klawsola tlieta (3) (fol 23 ibid) il-konvenuta kienet obligata

ta' thallas penali ammontanti ghal Lm200 jew Lm400 f'kaz li kienet tirrisenja mill-kors matul l-ewwel sena jew it-tieni sena' rispettivament.

Illi, effettivament, kif jidher a fol 16 u fol 35 ibid, il-konvenuta kienet issottomettiet ir-risenja taghha b'effett mill-24 ta' April 1987 cjoe matul it-tieni (2) sena' tal-istess kors u b'hekk jidher li ghandha tinkorri penali ta' Lm400 a basi tal-klawsola kif citata. Dwar dan l-ammont, jidher li l-attur kien irriducieh ghal dak pretiz fl-avviz minhabba dak specifikat fl-ittra annessa a fol 36 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-konvenuta u in rigward il-meritu ta' dan il-kaz, din:-

a) issottometiet eccezzjoni li fiha ma indikatx il-ghala t-talba in esami ma ghandhiex tigi akkolta.
b) ma issottomettiet l-ebda prova in sostenn tal-istess.

Illi, pero', ghandu jigi rilevat illi fl-ittra hemm fuq imsemmija u li hi annessa a fol 36 hemm indikazzjoni ta' x'kienet ir-raguni tar-risenja tal-konvenuta mill-kors in kwistjoni u l-Qorti tirrakomanda illi l-attur jilhaq arrangament mal-istess konvenuta dwar il-pagament tal-ammont mitlub. Difatti di gja jidher mill-istess ittra illi l-attur kien dispost li jasal ghal dan l-arrangament.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm378.91,0 bl-imghax legali mit-13 ta' Frar 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Frar 1996.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------